**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Ottubru 2020**

Rikors Numru: 226/20 AL

A B C

vs

D E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti u li permezz tiegħu espona ;

1. Illi l-esponent A B C u l-intimata D E żżewġu bir-rit ċivili fil-Mellieħa Holiday Centre, il-Mellieħa fl-għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u ż-żwieġ tagħhom jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku biċ-ċertifikat taż-Żwieġ numru tmien mija u tnejn u disgħin tas-sena elfejn u disgħa (892/2009)

2. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet ma kellhomx ulied.

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu mifrudin għal aktar minn seba’ snin, u sseparaw legalment b’ att tan-Nutar Dottor Francesca Portelli tat-tnejn u għoxrin (22) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Dok B)

4. Illi l-esponent u martu D E huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u għandhom il-mezzi biex jipprovdu għalihom infushom, u għalhekk ħadd minnhom ma jippretendi ebda ħlas ta’ manteniment mingħand l-ieħor, la għaż-żmien li għadda u lanqas għall-futur. Effetivament, bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-kontendenti ddikjaraw li ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jirċievu ħlas tal-manteniment mingħand xulxin.

5. Illi ma hemm ebda prospettiva ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi għalhekk jeżistu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tordna l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti reġistrat bl-Att taż-Żwieġ imsemmi numru 892/2009 (tmien mija u disgħin tas-sena elfejn u disgħa);

2. Tordna lir-Reġistratur javża b’dan kollu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu jipproċedi għar-Reġistrazzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ Lulju 2020;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m’għandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Lulju 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.